

**EMENDI 001-021**

mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

**Rapport****Jaroslav Wałęsa****A8-0193/2017**

L-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi temporanji għall-Ukrajna li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali disponibbli skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

Proposta għal regolament (COM(2016)0631 – C8-0392/2016 – 2016/0308(COD))

**Emenda 1****Proposta għal regolament****Premessa 2***Test propost mill-Kummissjoni*

(2) **Minħabba** l-isforzi ta' riforma ekonomika tal-Ukrajna, u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi eqreb mal-Unjoni **Ewropea**, huwa xieraq li jiżdiedu l-flussi tal-kummerċ li jikkonċernaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u li jingħataw konċessjonijiet fil-forma ta' miżuri kummerċjali awtonomi fi prodotti industrijali selezzjonati skont l-aċċellerazzjoni tat-tneħħija tad-dazji doganali fuq il-kummerċ bejn l-Unjoni **Ewropea** u l-Ukrajna.

*Emenda*

(2) **Bil-ħsieb li jitqawwew** l-isforzi ta' riforma ekonomika **u politika** tal-Ukrajna, u biex jiġi appoġġat **u mħaffef** l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi eqreb mal-Unjoni, huwa xieraq u meħtieġ li jiżdiedu l-flussi tal-kummerċ li jikkonċernaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u li jingħataw konċessjonijiet fil-forma ta' miżuri kummerċjali awtonomi fi prodotti industrijali selezzjonati skont l-aċċellerazzjoni tat-tneħħija tad-dazji doganali fuq il-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Ukrajna.

**Emenda 2****Proposta għal regolament****Premessa 3***Test propost mill-Kummissjoni*(3) **Il-miżuri** kummerċjali awtonomi*Emenda*(3) **Wara li l-Kummissjoni tippubblika**

*jingħataw f'forma* ta' kwoti ta' tariffa zero għall-prodotti elenkati fl-Annessi I u II, minbarra l-kwoti tar-rati tariffarji preferenzjali stabbiliti fil-Ftehim, u t-tneħħija parzjali jew sħiħa tad-dazji tal-importazzjoni fuq il-prodotti industrijali elenkati fl-Anness III;

*l-analiżi tagħha rigward l-impatt potenzjali ta' dan ir-Regolament, li jenħtieġ li tikkunsidra lill-benefiċjarji aħħarin potenzjali tal-miżuri kummerċjali awtonomi inklużi f'dan ir-Regolament u tiffoka b'mod partikolari fuq il-produtturi ta' daqs żgħir u medju fl-Ukrajna, jenħtieġ li l-miżuri kummerċjali awtonomi jingħataw għall-prodotti li jiġu vvalutati li jkunu ta' ġid fid-dawl ta' dik l-analiżi. Jenħtieġ li daww l-miżuri kummerċjali awtonomi jieħdu l-forma ta' kwoti ta' tariffa zero għall-prodotti elenkati fl-Annessi I u II, minbarra l-kwoti tar-rati tariffarji preferenzjali stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u t-tneħħija parzjali jew sħiħa tad-dazji tal-importazzjoni fuq il-prodotti industrijali elenkati fl-Anness III;*

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni wettqet investigazzjoni rigward l-impatti tal-miżuri li qed tipproponi, li ppreżentat oralment fil-Kumitat, għalkemm ma kinitx valutazzjoni tal-impatt għas-sostenibilità formali kif issir normalment. Sabiex jiġu ggarantiti l-ekwità, it-trasparenza u proċess leġiżlattiv demokratiku, u sabiex il-koleġiżlaturi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati, jenħtieġ li d-dettalji ta' dik l-analiżi jiġu ppubblikati.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 4**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Sabiex jiġi evitat kull riskju ta' frodi, **il-jedd** għall-ibbenefikar mill-kwoti ta' tariffa zero addizzjonali **għandu jkun** kundizzjonali **għall-konformità mill-Ukrajna** mar-regoli rilevanti tal-orijini tal-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom kif ukoll l-involviment f'kooperazzjoni amministrattiva fil-qrib mal-Unjoni Ewropea kif ipprovdut **fil-Ftehim**;

#### *Emenda*

(4) Sabiex jiġi evitat kull riskju ta' frodi, **jenħtieġ li l-jedd** għall-ibbenefikar mill-kwoti ta' tariffa zero addizzjonali **għall-prodotti elenkati fl-Annessi I u II u t-tneħħija parzjali jew sħiħa tad-dazji tal-importazzjoni fuq il-prodotti industrijali elenkati fl-Anness III jkunu** kundizzjonali **fuq il-konformità min-naħa tal-Ukrajna mal-kundizzjonijiet rilevanti kollha biex jinkisbu l-benefiċċji taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż** mar-regoli rilevanti tal-orijini tal-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom kif ukoll l-involviment f'kooperazzjoni amministrattiva fil-qrib mal-Unjoni

Ewropea kif ipprovdut *f' dak il-Ftehim*;

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-regoli tal-oriġini u l-kundizzjonijiet l-oħra identifikati fil-Ftehim iridu jiġu sodisfatti għall-prodotti kollha, mhux biss għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Annessi I u II, iżda anke għall-prodotti industrijali elenkati fl-Anness III.*

## **Emenda 4**

### **Proposta għal regolament Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) *L-Artikolu 2* tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ***jiġprevedi*** li r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett għall-prinċipju tal-istat tad-dritt jikkostitwixxu elementi essenzjali ***ta'*** dak il-Ftehim. Huwa xieraq li tiddaħħal il-possibbiltà li l-preferenzi jiġu temporanjament sospiżi ***f'każ*** ta' nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji ***fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt mill-Ukrajna.***

*Emenda*

(9) *L-Artikoli 2 u 3* tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ***jiġprevedu*** li r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett għall-prinċipju tal-istat tad-dritt, ***kif ukoll l-isforzi favur il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-miżuri għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u multilateraliżmu effettiv, jikkostitwixxu elementi essenzjali tar-relazzjonijiet mal-Ukrajna, li huma rregolati minn*** dak il-Ftehim. Huwa xieraq li tiddaħħal il-possibbiltà li l-preferenzi jiġu temporanjament sospiżi ***fil-każ*** ta' nuqqas ta' osservanza ***min-naħa tal-Ukrajna*** tal-prinċipji ***ġenerali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, kif diġà sar fil-ftehimiet ta' assoċjazzjoni l-oħra li ffirmat l-Unjoni.***

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(9a) Jenħtieġ li r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerè Ħieles Approfondit u Komprensiv jinkludi valutazzjoni fid-dettall tal-implimentazzjoni tal-miżuri***

*kummerċjali awtonomi previsti f'dan ir-Regolament.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-jedd għall-ibbenefikar mill-kwoti tariffarji introdotti mill-Artikolu 1 **għandu jkun soġġett** għal:

*Emenda*

Il-jedd għall-ibbenefikar mill-kwoti tariffarji **u d-dazji doganali preferenzjali** introdotti mill-Artikolu 1 **għandhom jiġu soġġetti** għal:

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-regoli tal-orijini u l-kundizzjonijiet l-oħra identifikati fil-Ftehim iridu jiġu sodisfatti għall-prodotti kollha, mhux biss għall-prodotti agrikoli elenkati fl-Annessi I u II, iżda anke għall-prodotti industrijali elenkati fl-Anness III.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-konformità mar-regoli tal-orijini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u b'mod partikolari fil-Protokoll I dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' **“prodotti orijinarji”** u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, u fil-Protokoll II dwar **l-assistenza** amministrattiva reċiproka **f'materji** doganali;

*Emenda*

(a) il-konformità mar-regoli tal-orijini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u b'mod partikolari fil-Protokoll I dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' **“prodotti li joriginau”** u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, u fil-Protokoll II dwar **assistenza** amministrattiva reċiproka **fi kwistjonijiet** doganali; **fir-rigward tal-prodotti li jiġu mmanifatturati f'territorju li ma jkunx taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tal-Ukrajna jew jintbagħtu minnu, il-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1, kif imsemmi fl-Artikolu 16(1)(a) tal-Protokoll I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Gvern tal-Ukrajna, wara li jkun wettaq ispezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur fil-bini tal-esportatur u kwalunkwe kontroll ieħor li jkun meqjus xieraq, bi qbil mal-**

*Artikolu 17(5) u mal-Artikolu 33 ta' dak il-Protokoll, inkluża valutazzjoni ta' jekk hemmx ġustifikazzjoni raġonevoli biex dak li jkun jissuspetta li l-operaturi ekonomiċi li jkunu qed jibbenefikaw mill-miżuri kummerċjali awtonomi temporanji jkunu qed jagħmlu ħsara għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni jew ikunu involuti f'attivitajiet ekonomiċi illegali;*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-astensjoni mill-Ukrajna milli tintroduċi dazji ġodda jew imposti li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni jew milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti jew milli tintroduċi kull restrizzjoni oħra mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

#### *Emenda*

(b) l-astensjoni mill-Ukrajna milli tintroduċi dazji ġodda jew imposti li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni jew milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti jew milli tintroduċi kull restrizzjoni oħra, ***inklużi miżuri diskriminatorji amministrattivi interni***, mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-artikolu jidher li jiffoka fuq il-miżuri applikabbli fil-fruntieri u l-miżuri fiskali, imissu jiġi ċċarat li anke r-regolamenti diskriminatorji jistgħu jwasslu għal revoka tal-miżuri kummerċjali awtonomi.*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett tal-prinċipju tal-istat tad-dritt ***previsti fl-Artikolu 2*** tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

#### *Emenda*

(c) ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett tal-prinċipju tal-istat tad-dritt ***kif ukoll it-komplija u s-sosteniment tal-isforzi fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-attivitajiet***

*illegali previsti fl-Artikoli 2, 3 u 22 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.*

**Emenda 10**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) it-tkomplija tar-rispett għall-obbligi ta' kooperazzjoni rigward kwistjonijiet relatati mal-impjegi, il-politika soċjali u l-opportunitajiet indaqs bi qbil mal-Kapitolu 13 tat-Titolu IV (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) u l-Kapitolu 21 tat-Titolu V (Koperazzjoni dwar l-impjegi, il-politika soċjali u l-opportunitajiet indaqs) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 420 tiegħu.*

**Emenda 11**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta l-Kummissjoni ssib li jkun hemm biżżejjed evidenza ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tista' tissospendi kompletament jew parzjalment l-arranġamenti preferenzjali pprovduti f'dan ir-Regolament, skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2).

Meta l-Kummissjoni ssib li jkun hemm biżżejjed evidenza ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 **ta' dan ir-Regolament**, tista' tissospendi kompletament jew parzjalment l-arranġamenti preferenzjali pprovduti f'dan ir-Regolament, skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2).

**Emenda 12**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Meta Stat Membru jitlob li l-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti preferenzjali fuq il-bażi ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(b), il-Kummissjoni*

*għandha tipprowdi opinjoni motivata fi żmien xahrejn minn tali talba dwar jekk l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' konformità hijiex sostanzjata. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-allegazzjoni tkun sostanzjata, hija għandha tagħti bidu għall-proċedura msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Peress li, storikament, il-Kummissjoni qagħdet lura milli tintroduċi miżuri li jirrestrinġu l-kummerċ, ladarba l-miżuri ta' liberalizzazzjoni jkunu diġà ġew introdotti, il-pożizzjoni tal-Istati Membri fil-konfront tal-Kummissjoni jmissha tissaħħaħ.*

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta prodott li joriġina fl-Ukrajna huwa importat fuq termini li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għal produttur **tal-Komunità għal** prodotti simili jew li jikkompetu direttament, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq **prodott simili** jistgħu jerġgħu jiġu introdotti f'kull ħin **mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni**.

##### *Emenda*

1. Meta prodott li joriġina fl-Ukrajna huwa importat fuq termini li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għal produttur **fl-Unjoni ta'** prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq **tali prodott** jistgħu jerġgħu jiġu introdotti f'kull ħin.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżit fil-proċedimenti ta' salvagwardja biex tintuża il-maġġoranza kwalifikata rriżulta biex il-mekkaniżmi ta' salvagwardja saru kompletament inutilizzabbli. Id-dispożizzjoni ta' salvagwardja suppost tipprowdi protezzjoni reali, u mhux teoretika, għall-industrija meta tħabbat wiċċha ma' ċirkostanzi eċċezzjonalment diffiċli. L-introduzzjoni ta' vot b'maġġoranza sempliċi għall-proċedimenti ta' salvagwardja tagħmilha possibbli li jintużaw mill-industrija. Il-Kummissjoni żżomm il-kontroll fuq ir-riżultat, peress li hija l-istituzzjoni li tmexxi l-proċedimenti u tipproponi l-eżitu.*

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ bir-reqqa tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-produtturi fl-Unjoni fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Annessi I u II, anke fir-rigward tal-prezzijiet fuq is-suq tal-Unjoni u waqt li titqies l-informazzjoni disponibbli rilevanti dwar il-produtturi fl-Unjoni, bħas-sehem mis-suq, il-produzzjoni, il-ħażniet, il-kapaċitajiet ta' produzzjoni u r-rati għall-użu tal-kapaċità.**

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq **inizjattiva** tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni formali biex tibda investigazzjoni fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli. **Fejn il-Kummissjoni** tiddeċiedi li tagħti bidu għal investigazzjoni, din għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jħabbar l-investigazzjoni. L-avviż għandu jipprovdi taqsira tal-informazzjoni riċevuta u jiddikjara li kwalunkwe informazzjoni rilevanti għandha tintbagħat lill-Kummissjoni. Għandu jispeċifika l-perjodu, li m'għandux jaqbeż l-erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż, li fih il-partijiet interessati jistgħu jikkomunikaw l-opinjoni tagħhom bil-miktub.

2. Fuq talba ta' Stat Membru, **kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li jaġixxu f'isem l-industrija fl-Unjoni, jiġifieri l-produtturi kollha fl-Unjoni jew proporzjon importanti minnhom ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta**, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni **stess, jekk ikun ċar għall-Kummissjoni li teżisti biżżejjed evidenza prima facie**, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni formali biex tibda investigazzjoni fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli. **Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "proporzjon importanti" tfisser il-produtturi fl-Unjoni li l-produzzjoni kollettiva tagħhom tikkostitwixxi aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali fl-Unjoni ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta li jipproduċi dak is-sehem tal-industrija fl-Unjoni li jesprimi appoġġ jew oppożizzjoni għat-talba u mhux inqas minn 25 % tal-**



*produzzjoni totali tal-prodotti simili jew il-prodotti f'kompetizzjoni diretta li tipproduċi l-industrija fl-Unjoni. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti bidu għal investigazzjoni, din għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jħabbar l-investigazzjoni. L-avviż għandu jipprovdi taqsira tal-informazzjoni riċevuta u jiddikjara li kwalunkwe informazzjoni rilevanti għandha tintbagħat lill-Kummissjoni. Għandu jispeçifika l-perjodu, li m'għandux jaqbeż l-erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż, li fih il-partijiet interessati jistgħu jikkomunikaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Hekk kif jiġri fi proċedimenti oħra ta' ħarsien tal-kummerċ, l-industrija tal-UE jmissha jkollha l-abilità li titlob lill-Kummissjoni tagħti bidu għal proċediment ta' salvagwardja.*

### **Emenda 16**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien tliet xhur, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5. Deċiżjoni simili għandha tidħol fis-seħħ fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni tagħha.

#### *Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien tliet xhur, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5. Tali deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni tagħha. ***Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għandhom jerġgħu jiġu introdotti għaż-żmien li jkun hemm b'żonn biex jikkontrobattu d-degrad fil-qagħda ekonomika u/jew finanzjarja tal-produtturi fl-Unjoni, jew għaż-żmien li tippersisti t-theddida ta' tali degrad. Il-perjodu tal-introduzzjoni mill-ġdid m'għandux ikun ta' aktar minn sena, sakemm ma jiġix estiż minħabba ċirkostanzi ġġustifikati kif dovut. Meta l-fatti kif jiġu finalment stabbiliti juru li l-kundizzjonijiet indikati fl-Artikolu 4(1) ma jkunux ġew sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jtemm l-investigazzjoni u l-proċedimenti bi qbil mal-proċedura ta' eżaminazzjoni***

*msemmija fl-Artikolu 5(2).*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 5a**

**Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-  
miżuri kummerċjali awtonomi**

*Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv għandu jinkludi valutazzjoni fid-dettall tal-implimentazzjoni tal-miżuri kummerċjali awtonomi previsti f'dan ir-Regolament u għandu jinkludi, sa fejn ikun xieraq, valutazzjoni tal-impatt soċjali ta' dawn il-miżuri fl-Ukrajna u fl-Unjoni. L-informazzjoni dwar l-użu tal-kwoti tar-rati tariffarji relatati mal-agrikoltura għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni permezz tas-siti tal-Kummissjoni fuq l-internet.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament  
Anness I – tabella 1 – ringiela 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

<b>09.6752</b>	<b>2002</b>	<b>Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku</b>		<b>5 000</b>
----------------	-------------	--	--	--------------

*Emenda*

**imħassar**

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Anness II – tabella 1 – ringiela 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

<b>Qamħ komuni, spelt u taħlita ta' ċereali, dqiq, xgħir u barli mitħun oħxon, dqiq oħxon u griebeb</b>	<b>1001 99 00, 1101 00 15, 1101 00 90, 1102 90 90, 1103 11 90, 1103 20 60</b>	<b>100 000 tunnellata/sena</b>
---	---	--------------------------------

*Emenda*

**imħassar**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-istatistika kummerċjali turi li l-kapaċità ta' esportazzjoni tal-industrija tal-Ukrajna f'dawn il-gruppi ta' prodotti diġà hija sostanzjali. X'aktarx appoġġ addizzjonali ma jipprovdi l-ebda impetu għad-diversifikazzjoni meħtieġa fl-esportazzjoni, u għalhekk mhuwiex rakkomandat. Il-kwota tariffarja fuq il-qamħ mill-Ukrajna tammonta għal 950 elf tunnellata filwaqt li f'dawn l-aħħar snin, l-importazzjoni effettiva lejn l-UE kienet ta' 3-4 miljun tunnellata fis-sena. Dan jixhed il-fatt li, anke mingħajr dazji preferenzjali, l-esportazzjoni tal-qamħ mill-Ukrajna diġà hija kompetittiva u tikkontribwixxi għall-prezzijiet baxxi tal-għelejjel fl-UE. Barra minn hekk, dan l-aħħar is-settur tal-ħdim tar-raba' fl-UE ntlaqat minn kriżijiet serji, li, flimkien mal-livelli ta' ħsad li qatt ma kienu daqstant baxxi, huma estremament inkwetanti fil-kuntest ta' diversi Stati Membri. Is-sitwazzjoni opposta (livelli ta' ħsad li qatt ma kienu dastant għoljin) qed tiġi osservata fi nħawi oħra tad-dinja (l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Brażil, l-Arġentina).*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Anness II – ringiela 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

<b>Qamħ irrun, minbarra <i>dak taż-żriġh</i>, dqiq, <i>xgħir u barli mitħun</i> oħxon, dqiq mitħun oħxon, griebeb u ħbub</b>	<b>1005 90 00, 1102 20, 1103 13, 1103 20 40, 1104 23</b>	<b>650 000 tunnellata/sena</b>
--	--	--------------------------------

*Emenda*

<b>Qamħ irrun, minbarra <i>żerriegħa</i>, dqiq, <i>ċereali mitħunin b'mod</i> oħxon,</b>	<b>1005 90 00, 1102 20, 1103 13, 1103 20 40, 1104 23</b>	<b>650 000 050 kilogramma/sena</b>
--	--	------------------------------------

dqiq mitħun oxhon, griebab u hhub		
--------------------------------------	--	--

*Ġustifikazzjoni*

*L-istatistika kummerċjali turi li l-kapaċità ta' esportazzjoni tal-industrija tal-Ukrajna f'dawn il-gruppi ta' prodotti diġà hija sostanzjali. X'aktarx appoġġ addizzjonali ma jipprovdi l-ebda impetu għad-diversifikazzjoni meħtieġa fl-esportazzjoni, u għalhekk mhuwiex rakkomandat. Barra minn hekk, dan l-aħħar is-settur tal-ħdim tar-raba' fl-UE ntlagat minn kriżijiet serji, li, flimkien mal-livelli ta' ħsad li qatt ma kienu daqstant baxxi, huma estremament inkwetanti fil-kuntast ta' diversi Stati Membri. Is-sitwazzjoni opposta (livelli ta' ħsad li qatt ma kienu dastant għoljin) qed tiġi osservata fi nħawi oħra tad-dinja (l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Brażil, l-Arġentina).*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament  
Anness III – tabella 1 – ringiela 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

<b>3102 10 10</b>	<b><i>Urea, f'soluzzjoni tal-ilma jew le li fiha iżjed minn 45 % tal-piż tal-prodott xott anidriku nitroġenu (minbarra dik f'forma ta' griebab jew forom simili, jew f'pakketti ta' toqol gross ta' mhux iżjed minn 10 kg)</i></b>	<b>3%</b>
-------------------	--	-----------

*Emenda*

***imħassar***